DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/455

tal-15 ta' Marzu 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 fir-rigward tal-istandards armonizzati għall-kompatibbiltà elettromanjetika tal-apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll, u tat-tagħmir multimedjali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-tagħmir elettriku li jkun f'konformità mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun preżunt li hu konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641 ([3]), il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għall-abbozzar u għar-reviżjoni ta' standards armonizzati għall-kompatibbiltà elettromanjetika b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE.

(3) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641, is-CEN u s-CENELEC irrevedew l-istandard armonizzat EN 60947-5-2:2007 għall-apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN IEC 60947-5-2:2020.

(4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-CENELEC, ivvalutat jekk dawk l-istandards armonizzati jikkonformawx mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641.

(5) L-istandard armonizzat EN IEC 60947-5-2:2020 jissodisfa r-rekwiżiti li għandu l-għan li jkopri u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/30/UE. Għalhekk huwa xieraq li r-referenza ta' dak l-istandard tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1326 ([5]) jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2014/30/UE. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE ikunu elenkati f'att wieħed, ir-referenza tal-istandard EN IEC 60947-5-2:2020 jenħtieġ li tiġi inkluża f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 7641 tat-30 ta' Novembru 2016 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni fir-rigward tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-kompatibbiltà elettromanjetika.

([4]) ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1326 tal-5 ta' Awwissu 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-kompatibilità elettromanjetika abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 206, 6.8.2019, p. 27).

(7) Għalhekk jeħtieġ li titneħħa mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 60947-5-2:2007, flimkien mar-referenza tal-istandard emendatorju għalih EN 60947-5-2:2007/A1:2012.

(8) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE rtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk huwa xieraq li f'dak l-Anness tiġi inkluża r-referenza tal-istandard armonizzat EN 60947-5-2:2007, flimkien mar-referenza tal-istandard emendatorju għalih EN 60947-5-2:2007/A1:2012.

(9) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641, is-CEN u s-CENELEC emendaw l-istandard armonizzat EN 55035:2017, li r-referenza tiegħu hija inkluża fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard emendatorju EN 55035:2017/A11:2020. L-istandard armonizzat EN 55035:2017/A11:2020 għandu l-għan li jissostitwixxi l-istandards armonizzati li ġejjin, flimkien ma' kwalunkwe standard emendatorju jew korrettorju għalih: EN 55020:2007, li r-referenza tiegħu ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*; EN 55024: 2010 li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]); u EN 55103-2:2009 li r-referenza tiegħu hija inkluża fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326, bid-data tal-irtirar tat-18 ta' Novembru 2021, li jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE li ġew irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) L-istandard armonizzat EN 55035:2017, kif emendat bi EN 55035:2017/A11:2020, huwa konformi mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641 u jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali li għandu l-għan li jkopri u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/30/UE. Għalhekk huwa xieraq li l-entrata dwar l-istandard armonizzat EN 55035:2017 fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 tinbidel sabiex ir-referenza ta' EN 55035:2017 tiġi inkluża flimkien mar-referenza ta' EN 55035:2017/A11:2020, u biex ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 55024:2010 tiġi inkluża fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.

(11) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni tal-istandard armonizzat EN IEC 60947-5-2:2020, u għall-irtirar tar-referenza ta' EN 55024:2010, jeħtieġ li jiġu differiti r-referenzi tal-istandards armonizzati li ġejjin, flimkien mar-referenza tal-istandard emendatorju rilevanti għalihom: EN 60947-5-2:2007, kif emendat bi EN 60947-5-2:2007/A1:2012, u EN 55024:2010.

(12) L-istandard armonizzat EN 55035:2017 introduċa bidliet sinifikanti fl-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-istandard armonizzat EN 55103-2:2009. Għalhekk, fl-istandard armonizzat EN55035:2017, is-CENELEC ipprovda perjodu twil għall-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni biex jissostitwixxu l-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandard armonizzat EN 55103-2:2009. Peress li d-disinn ta' għadd ta' prodotti koperti mill-istandard armonizzat EN 55103-2:2009, bħal apparat tal-awdjo, tal-vidjo, awdjoviżiv u tal-kontroll tat-tidwil għad-divertiment, jeħtieġ li jiġi modifikat b'mod sinifikanti sat-18 ta' Novembru 2021 minħabba li l-istandard armonizzat EN 55103-2:2009 ma jibqax jipprovdi preżunzjoni ta' konformità wara dik id-data, għadd ta' manifatturi jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw dik l-iskadenza. Għalhekk huwa xieraq li, b'mod eċċezzjonali, tiġi posposta d-data tal-irtirar tal-istandard armonizzat EN 55103-2:2009. Għalhekk, l-entrata dwar l-istandard armonizzat EN 55103-2:2009 fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 tiġi emendata skont dan.

(14) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

([6]) ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

Nru ta'	Referenza tal-istandard
"2.	EN 55035:2017 Kompatibbiltà elettromanjetika għat-tagħmir multimedjali - Rekwiżiti ta' immunità EN 55035:2017/A11:2020";

(2) tiżdied l-entrata li ġejja:

Nru ta'	Referenza tal-istandard
"15.	EN IEC 60947-5-2:2020 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Parti 5-2: Apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll - Switches ta' prossimità".

ANNESS II

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

Nru ta'	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"4.	EN 55103-2:2009 Kompatibbiltà elettromanjetika — Standard tal-familja ta' prodotti għal apparat tal-awdjo, tal-vidjo, awdjoviżiv u tal-kontroll tat-tidwil għad-divertiment għal użu professjonali — Parti 2: Immunità	28 ta' Lulju 2022";

(2) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Nru ta'	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"12.	EN 55024:2010 Tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika - Karatteristiċi ta' immunità - Limiti u metodi ta' kejl	16 ta' Settembru 2022
13.	EN 60947-5-2:2007 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Parti 5-2: Apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll - Switches ta' prossimità EN 60947-5-2:2007/A1:2012	16 ta' Settembru 2022".